**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' April 2019**

Kawza Numru: 3/2017MS

Emanuel Farrugia (K.I. 4762G)

vs

Joshuella Bonnici (K.I. 109190M)

It-Tribunal,

Ra l-avviz ipprezentat mill-attur fis-16 ta' Jannar 2017 fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta li thallsu s-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro, bilanc minn somma akbar rigwardanti l-bejgh ta' vettura, ossia truck, tractor unit tal-ghamla Volvo, bin-numru tar-registrazzjoni IBH 336.

Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fl-20 ta' Frar 2017 fejn eccepiet illi l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut fl-intier tieghu stante li l-vettura IBH 336 irrizulta li kellha diversi hsarat u li l-attur kien accetta li dawn jigu rrangati, izda minkejja l-promessi tieghu m'ghamel xejn bil-konsegwenza li dan it-truck ma ntuza qatt.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' skrittura privata datata 28 ta' April 2016 (Dok A), il-konvenuta kkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici versu u a favur tal-kreditur (attur) fis-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro rapprezentanti bilanc minn somma akbar (tmien telef u hames mitt Euro) dovuti lill-attur fir-rigward ta' vettura, ossia *truck*, tractor unit, tal-ghamla Volvo bin-numru ta' registrazzjoni IBH 336. Dan wara l-imsemmija konvenuta gja ghaddiet lill-attur l-ammont ta' hames telef Euro.

Gie ddikjarat mill-partijiet illi l-ammont ta' tlett elef u hames mitt Euro kellu jigi restitwit fl-interezza tieghu mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-prezenti skrittura u kemm-il darba r-restituzzjoni ssir temptestivament m'ghandhom jiddekorru fuq l-ammont dovut l-ebda imghaxijiet.

Sussegwentement, fil-5 ta' Mejju 2016, din il-vettura giet registrata fuq isem il-konvenuta. (Ara xhieda Saviour Farrugia, Assistent Principal fid-Dipartiment tal-Licenzji u kopja tal-*history* tal-*ownership* - fol 18, 20, 21 tal-process).

Ikkunsidra

Illi gara li wara li skada t-terminu ta' sitt xhur, il-konvenuta ma hallsitx lill-attur il-bilanc iddikjarat fl-iskrittura fuq imsemmi. Argumentat illi t-trakk kellu xi hsarat li jeccedu l-ammont bilancjali u peress illi gie mibjugh bil-garanzija li t-trakk jahdem allura dehrilha li kellha zzomm lura dan il-pagament biex jaghmel tajjeb ghall-hsarat li kien fih. (Ara affidavit tal-konvenuta - fol 67, 68 u 69 tal-process).

Dokument ta' garanzija jew referenza ghal garanzija fl-iskrittura fuq imsemmi ma hemmx u in kontro-ezami l-konvenuta tirrikonoxxi illi dan id-dokument ma jezistix u ma kienx sar bil-miktub, pero tghid li kienet zammet dawk it-tlett elef u hames mija bhala garanzija li t-trakk kellu jahdem tajjeb. Sussegwentement ghall-bejgh irrizulta li t-trakk kien qed jishon u dan gie imputat ghal hsara fir-radiator u thermostat tieghu. (Ara xhieda tal-konvenuta tat-28 ta' Settembru 2018 - fol 80, 81, 82 tal-process.)

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi ma hemmx fl-atti skrittura tal-bejgh tal-vettura innifisha, pero' irrizulta li t-trakk illum huwa debitament registrat f'isem il-konvenuta u dan ifisser li l-bejgh gie konkjuz permezz ta' dan it-trasferiment. Ma hemm l-ebda modalitajiet x'jigu kkunsidrati ma dan il-bejgh kwindi ma nghatat l-ebda garanzija mill-attur li b'xi mod jikkondizjona dan il-bejgh.

Il-konvenuta thajjret tixtri dan it-trakk peress illi kien hemm tender ghal xoghol ta’ garr u kienet interessata titfa tender biex iggor l-ilma. Irrizulta wkoll li l-partner taghha kien igorr u jipprovdi ilma bil-bowser u li l-attur kien jahdem mieghu part-time.

M’huwiex daqstant car jekk il-konvenuta jew il-partner taghha saqu jew ippruvaw dan it-trakk qabel ma sar il-bejgh. Ghalkemm l-attur ighid li t-truck instaq mill-konvenuta xi tlett ijiem qabel ma sar il-kuntratt minghajr ebda problemi (ara x-xhieda tal-attur a fol 22 et seq), l-konvenuta tghid li wara l-iffirmar tal-kuntratt kienet marret ghat-truck li kien ix-Xaghra mal-partner taghha u wara li gabet pajpijiet u breaks minghand Baskal il-mechanic tal-Ghajnsielem, ippruvaw it-trakk bl-ewwel vjagg bit-trailer tal-ilma warajh. Kellhom imorru minn Ghajnsielem sal-parking tar-Rabat pero lanqas lahqu wasslu sar-roundabout tax-Xewkija li t-trakk ma bediex jishon sew. Tghid ukoll illi sussegwentement it-truck ittiehed f’yard ix-Xewkija permezz ta’ low-loader u baqa’ hemm. Mistoqsija ghaliex ma kienetx ippruvatu qabel jew almenu gabet mekkanik biex jarah, il-konvenuta tghid illi baqghet fuq il-kelma tal-attur u ma setghetx issuqu ghaliex kien minghajr pjanci u minghajr assikurazzjoni.

Ikkunsidra

Illi skond l-attur, il-konvenuta zammet it-trakk fil-pussess taghha ghal mill-inqas sitt xhur, minghajr reklam. Kien biss wara li ghaddew dawk is-sitt xhur u l-attur talab il-hlas bilancjali li l-attur, skond hu, sar jaf bil-hsarat li allegatament kellu dan it-trakk.

Illi l-konvenuta min-naha l-ohra tikkonferma li xtrat it-trakk minghand l-attur bil-prezz globali ta’ tmien t’elef u hames mitt Euro u li hallset hames t’elef mal-iffirmar tal-iskrittura tal-kostituzzjoni ta’ debitu fuq imsemmi. Ftehmu li l-ammont kellu jkun f’zewg pagamenti. It-tlett elef u hames mija bilancjali kellhom jithallsu fi zmien sitt xhur. Tghid ukoll illi wara illi hadet it-trakk fit-terminu ta’ dak is-sitt xhur zvillupaw hsarat fis-sens illi t-trakk kien jishon u li avzat lill-attur b’din il-problema. Tghid illi l-attur kien lest illi joffri l-ghajnuna u jahdem mal-partner taghha biex il-hsarat jissewwew. Dan gie negat mill-attur.

Xehdet ukoll l-avukat Marsette Xerri illi kkonfermat illi l-iskrittura kostituzzjoni ta’ debitu tat-28 ta’ April 2016 hemm il-firma taghha bhala xhud tal-firem u identita’. Dina tghid illi z-zewg partijiet kienu gew ghandha wara illi skada t-terminu ta’ sitt xhur u hemmhekk kien l-ewwel darba illi fil-presenza taghha tqajjmet il-kwistjoni tal-hsarat. Taf illi f’dik il-laqgha ma ntlahaqx ftehim.

Illi xehed ukoll il-mechanic Benny Gatt illi qal illi hadem fuq it-trakk ghall-habta ta' Awwissu tat-2017 fejn dan ikkonstata li l-hsara kienet gejja mir-radiator, it-thermostat u l-gasket (fol 57). Xehed ukoll Anthony Bugeja li qal illi kien ma genb Benny Gatt meta fetah il-magna biex isiru t-tiswijiet u li dan kien ghall-habta ta' Awwissu 2017. Iddikjara kategorikament li dak it-trakk zgur ma rahx fl-2016. Dan iz-zmien huwa wkoll ikkorroborat mis-surveyor Philip Attard li skond ir-rapport tieghu ra t-trakk fl-1 ta' Lulju 2017. Dana ikkalkola illi l-ispiza tat-tiswija kienet €1,100 ghal xohol u €1,180 ghal *parts*.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi la ma kienx hemm skrittura appozita, t-trakk in kwistjoni gie legalment mibjugh lill-konvenuta mal-kompletezza tad-dokumenti ghat-trasferiment mill-Awtoritajiet Kompetenti. Kien imiss lill-konvenuta bhala x-xerreja li taghmel l-investigazzjonijiet opportuni biex tassigura li dak it-trakk li kienet ser tixtri kien jiffunzjona f'kull aspett rikjest. Bhalma ighid id-dritt Latin, Caveat Emptor u ma kienx mistenni illi toqghod biss fuq kliem l-attur li dak it-trakk kien jahdem tajjeb. Il-konvenuta tallega illi dak it-trakk inbiegh b'garanzija u kien propju ghalhekk illi zammet tlett elef u hames mija lura biex taccerta ruhha li t-trakk kien f'kundizzjoni tajba. Pero' dan ma jirrizultax ghax la gie pprezentat xi dokument f'dan is-sens u lanqas ma l-attur jew l-avukat Xerri ikkonfermaw li l-bejgh kien taht xi forma ta' garanzija. Kienet biss il-konvenuta li semmiet din il-garanzija liema dikjarazzjoni baqghet mhux ippruvata.

Illi tajjeb jew hazin, l-iskrittura tat-28 ta' April 2016 ma ssemix il-bejgh propju tat-trakk in kwistjoni, izda jiehu l-forma ta' dikjarazzjoni min-naha tal-konvenuta fejn ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici favur l-attur fis-somma ta' tlett elef u hames mija. Din l-iskrittura hija valida fiha nnifisha u t-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija ghandhom jigu osservati. Jekk il-konvenuta kellha xi dubju dwar din l-iskrittura kellha d-dritt li taghmel kawza ad hoc sabiex tattakka dawk il-kundizzjonijiet u termini. Dan m'ghamlitux kif lanqas ma ghamlet kawza jew kontro-talba ghall-actio redibitorja fil-kuntest tal-hsarat li kien fih dan it-trakk. Dawn in-nuqqasijiet mhumiex ta' konfort ghal konvenuta li issa giet infaccjata bil-kundizzjonijiet u termini li hemm referenza ghalihom fl-iskrittura fuq imsemmija. Dawn trid tosservahom indipendentement minn kwistjonijiet ohra li setghu rrizultaw wara l-firma tal-iskrittura.

Terga' u tghid it-Tribunal jirrileva illi skond ma rrizulta f'dawn l-atti, l-ewwel darba li ssemmew xi hsarat fuq dan it-trakk kien zgur wara t-terminu ta' sitt xhur imsemmi fl-iskrittura. It-Tribunal ghalhekk issib li l-versjoni tal-konvenuta m'hijiex verosimili peress illi x-xhieda kollha - inkluz dawk migjuba minnha jghidu li l-hsarat fit-trakk gew a konjizzjoni taghhom ferm wara l-iskadenza tat-terminu imsemmi, almenu disa' xhur wara. Ma hemm l-

ebda dokument x'jissustanza l-versjoni tal-konvenuta hlief id-dokument tas-surveyor, li jgib id-data 1 ta' Lulju 2017 - seba' xhur wara l-prezentata ta' din il-kawza. Dan ikompli jinduci lit-Tribunal fil-fehma illi l-konvenuta kemm legalment kif ukoll fattwalment m'ghandhiex ikollha success fl-eccezzjoni taghha.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Beacom vs Spiteri Staines moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998 fejn inghad li *"l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda."*

F'din l-iskrittura l-konvenuta ddikjarat li hija debitrici versu l-attur fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt Euro kwindi dan l-ammont irid jithallas.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tal-attur u jikundanna lill-konvenuta li thallsu l-ammont ta' tlett elef u hames mitt Euro. Bl-interessi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Novembru 2016 u bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*